# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Marzu, 2002.**

**Numru 1**

**Appell numru 49/02**

**Fl-atti tar-rikors numru 101/2001 ta' Henri Darmanin lill-Ufficjal Revizur fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr. Justyne Caruana tal-25 ta' Frar 2002 fejn talbet illi "s-sentenza" (sic) tal-Ufficjal Revizur ta' Ghawdex tat-18 ta' Frar 2002 tigi mhassra, revokata u annullata, ghar-ragunijiet minnha indikati.

Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2002, ghal-liema data kien gie appuntat l-appell, gie sollevat in-nullita' tal-appell "peress illi l-okkju mhuwiex intestat kif rikjest mil-ligi u peress ukoll illi ma hemm ebda sentenza li

ghandha tigi revokata u annullata". Fl-istess seduta l-Qorti kkoncediet il-fakulta' lill-partijiet li jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet f'dan ir-rigward.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet li saru rispettivament fl-4 u 5 ta' Marzu 2002.

Ikkunsidrat :

1. Illi certament m'hemm l-ebda nullita' naxxenti mill-fatt li r-rikorrenti wzat il-kelma "sentenza" minflok il-kelma "decizjoni" biex tikkwalifika d-decizjoni mehuda mill-Ufficjal Revizur fit-18 ta' Frar 2002.

Ikkunsidrat :

2. Illi l-punt krucjali li ghandu jigi deciz minn din il-Qorti fir-rigward ta' dan il-punt preliminari li gie sollevat huwa jekk il-Kummissjoni Elettorali kellhiex tkun parti f'dan l-appell. F'kaz li hekk kellha tkun parti, jkun irid jigi deciz jekk in-nuqqas ta' indikazzjoni taghha fl-okkju, jgibx necessarjament in-nullita' tal-proceduri, kif qieghed isostni l-appellat.

F'kaz li jigi deciz li dan in-nuqqas ma jimporta ebda nullita', allura tkun trid tigi kunsidrata t-talba ghall-korrezzjoni li saret mill-appellanti; s'intendi bla pregudizzju ghall-kwistjoni jekk it-terminu perentorju stabbilit fl-artikolu 13(10) tal-Kapitolu 354 ikunx ta' impediment biex tali

talba ghall-korrezzjoni tigi akkolta. Wiehed jinnota li l-kwistjoni tal-korrezzjoni ma gietx dibattuta fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat :

3. L-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 354, l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali, il-ligi rilevanti fil-materja hekk jipprovdi :-

> "7(1) Ir-registrazzjoni, it-trasferiment, il-korrezzjoni u t-thassir ta' eletturi, il-formazzjoni tar-Registru Elettorali, l-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u t-tmexxija ta' l-Ufficju Elettorali ghandhom ikunu r-responsabbilita' wahdanija tal-Kummissjoni mwaqqfa bl-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni. Il-Kummissjonarju Elettorali Principali jkun responsabbli ghat-tmexxija generali ta' kuljum ta' l-Ufficcju Elettorali."

4. L-istess artikolu 13(4) tal-istess Att mill-banda l-ohra jistabbilixxi, inter alia, illi kull kopja ta' l-applikazzjoni jew appell quddiem l-Ufficjal Revizur ghandha tigi notifikata lill-Kummissjoni flimkien mad-data tas-smiegh. Inoltre, mill-artikolu 13(10) li huwa proprju l-artikolu li jippermetti li jsir appell quddiem din il-Qorti jidher car illi l-Kummissjoni ghandha tiehu sehem sew fil-proceduri quddiem l-Ufficjal Revizur sew quddiem il-Qorti tal-Appell, konkluzjoni li temergi wkoll minn ezami tal-artikolu 41(1) tal-istess att.

5. Ir-ragunijiet fuq moghtija ma jhallu lil din il-Qorti l-ebda triq ohra hlief li tiddikjara n-necessita' legali tal-presenza tal-Kummissjoni f'dawn

il-proceduri u ghalhekk huwa opportun li din il-Kummissjoni tkun indikata bhala parti f'dawn il-proceduri.

6. Fil-fehma tal-Qorti, pero', in-nuqqas tal-appellanti li tindika lill-Kummissjoni bhala parti fl-okkju tar-rikors tal-appell ma jgibx in-nullita' tal-istess appell. Dana mhux biss ghaliex mill-kopja tad-decizjoni ezebita ma jidhirx li din il-Kummissjoni kienet parti fi proceduri quddiem l-Ufficjal Revizur izda anke ghaliex in-nullita' eccepita ma tistax tkun gustifikata taht l-ebda parti mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 789 tal-Kap. 12.

7. F'dawn ic-cirkostanzi ghandu jibqa' impregudikat id-dritt tal-appellanti li ssostni t-talba taghha ghall-korrezzjoni fl-okkju nonostante d-diffikulta' tat-terminu perentorju stabbilt fl-artikolu 13(10) li jista' jinqala' f'kaz illi din it-talba tigi akkolta. Il-Qorti pero' thoss illi hija impeduta milli taghmel dan l-ezami ulterjuri f'dan l-istadju in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 42 tal-istess kapitolu u ghalhekk dan ir-rikors huwa, f'dan l-istadju, differit sine die. Spejjez riservati.

Dep/Reg mg